MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 332/2006

**Mariolina Schembri**

**Vs**

**Mario Schembri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` tlett mija w erbgha u disghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm394.96c) rapprezentanti l-ammont ta` spejjez inkorsi mill-attrici ghall-minuri Mark Kirk, liema spejjez obbliga ruhu li jhallas fil-kuntratt ta` separazzjoni anness ma` l-istess Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti minhabba s-segwenti ragunijiet.

1. Illi l-ammont pretiz mhux kollu dovut stante li r-ragel ghax-xhur ta` Mejju u Gunju 2005 hallas mija u tletin lira Maltin (Lm130) minflok disghin lira Maltin (Lm90) kull xahar skond dokumenti annessi u ghalhekk is-somma ta` mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) li hallas zejjed ghandha titnaqqas.

2. Illi l-minuri fit-tlett xhur tas-Sajf, cjoe` mill-15 ta` Gunju, 2005 sal-15 ta` Settembru, 2005 kien jahdem u ghalhekk dan il-manteniment irid jitnaqqas ukoll skond l-istess kuntratt ta` separazzjoni.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` x-xhieda tal-partijiet.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Ludvic Caruana ghall-attrici u tal-PL Sharon Mizzi ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet, li huma mizzewgin, ghamlu kuntratt ta` separazzjoni fl-atti tan-Nutar Doctor Margaret Heywood fid-9 ta` Ottubru, 2003 u skond dan il-kuntratt hemm stipulat li r-ragel ghandu jivversa manteniment favur it-tifel minuri Mark Kirk fl-ammont ta` disghin lira Maltin (Lm90) fix-xahar liema ammont ghandu jigi somministrat lill-mara accettanti (Artikolu 5c). Illi inoltre skond l-istess Artikolu l-partijiet ftehmu illi l-ispejjez li jinkorri l-minuri in konnessjoni ma` mizati ta` skejjel, trasport, edukazzjoni, kultura u sport, ghandhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mir-ragel u terz (1/3) mill-mara.

Illi skond il-paragrafu 5d ta` l-istess kuntratt hemm stipulat illi jekk il-minuri jahdem il-manteniment stipulat ghall-bzonnijiet ta` l-istess minuri ghandu jigi sospiz ghall-perjodu li l-istess minuri jkun qed jahdem u inoltre, skond il-paragrafu 5e il-partijiet ftehmu li rigward l-ispejjez medici u medicinali relatati tal-minuri dawn ghandhom jigu percepiti kollha mir-ragel, b’dan illi r-ragel jottjeni rimbors

mill-kumpanija assiguratrici tal-Oil Tanking, wara li l-mara tghaddilu l-ircevuti relattivi jekk ikun il-kaz.

L-ammont pretiz mill-attrici huwa kumpens ghall-ispejjez minnha nkorsi ghall-mizati ta` l-iskejjel, trasport, edukazzjoni, kultura u sports li ghalhekk ghandhom ikunu zewg terzi (2/3) ghar-ragel u terz (1/3) ghall-mara. Inoltre, hemm spejjez ohra medicinali li ghandhom jithallsu kollha mir-ragel. Inoltre, r-ragel qieghed jikkontendi li ghall-manteniment tax-xhur ta` Gunju, Awissu, Settembru 2005 huma m'ghandu jhallas xejn ghaliex it-tifel kien qieghed jahdem skond il-paragrafu 5d tal-kuntratt ta` separazzjoni fuq imsemmi.

Fir-rigward ta` l-ispejjez inkorsi mill-mara, dawn gew debitament pruvati kemm mix-xhieda taghha kif ukoll mid-dokumenti kollha esebiti u fil-fatt mid-dokument A a fol 2 u 3 tal-process li gie ezaminat bir-reqqa minn dan it-Tribunal jirrizulta sodisfacentement illi l-ammont dovut mill-konvenut lill-attrici kien ta` sitt mija u tmien liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm608.96c). Minn dan l-ammont jirrizulta pruvat kemm mix-xhieda tal-konvenut kif ukoll mill-prospett u xhieda ta` l-attrici illi l-konvenut hallas hamsin lira Maltin (Lm50) permezz ta` cekk fit-22 ta` Jannar, 2006 u inoltre, l-attrici rceviet pagament minghand l-Eagle Star ammontanti ghal tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22). Inoltre, fis-7 ta` Jannar, 2006 ir-ragel hallas tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22) fi flus kontanti biex b'hekk gie bilanc ta` hames mija w erbatax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm514.96c).

Illi inoltre, z-zewg partijiet jaqblu fid-depozizzjonijiet u provi minnhom prodotti illi kien hemm tlett xhur matul is-sena 2005 li r-ragel hallas mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) zejda ghall-manteniment biex b'hekk mill-ammont fuq imsemmi ta` hames mija w erbatax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm514.96c) ghandu jitnaqqas l-ammont ta` mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) biex jigi bilanc ta` tlett mija w erbgha u disghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm394.96c) li huwa proprju l-ammont mitlub mill-attrici meta pprezentat l-Avviz.

Waqt il-mori tal-kawza l-konvenut hallas is-somma ta` mitejn u tnejn u disghin lira Maltin (Lm292) biex b'hekk baqa` bilanc ta` mija u zewg liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm102.96c) u hija din is-somma li l-konvenut ser jigi kkundannat ihallas lill-attrici b'din is-sentenza.

Bejn il-partijiet qam dizgwit dwar l-ispejjez tal-kawza u l-ispejjez ta` l-Ittra Ufficjali tat-30 ta` Jannar, 2006. Jirrizulta mill-atti illi fit-30 ta` Jannar, 2006 l-attrici baghtet Ittra Ufficjali a tenur ta` l-Artikolu 16a tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta fejn talbet lill-konvenut biex ihallas is-somma ta` mitejn u tnejn u disghin lira Maltin u seba` centezmi (Lm292.07c) li kien l-ammont dovut sa dakinhar u li l-istess konvenut minflok ma hallas l-ammont, permezz ta` Nota pprezentata fit-2 ta` Marzu, 2006 oppona ghall-istess u ghalhekk l-attrici ma kellhiex alternattiva hlief li tipprocedi bl-istanti b'dan illi ma` l-ammont imsemmi ta` mitejn u tnejn u disghin lira Maltin u seba` centezmi (Lm292.07c) hija ziedet l-ispejjez l-ohra li hija nefqet wara l-imsemmija Ittra Ufficjali biex b'hekk meta pprezentat il-kawza din kienet ghall-ammont ta` tlett mija w erbgha u disghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm394.96c).

Illi fid-dawl tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ispejjez tal-kawza, kif ukoll ta` l-Ittra Ufficjali ghandhom jigu kollha allokati ghall-konvenut.

Fil-kawza ntalbu l-interessi mit-30 ta` Jannar, 2006 izda t-Tribunal ihoss li fic-cirkostanzi tal-kaz l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta` din is-sentenza.

Finalment it-Tribunal jixtieq jaghmel kumment addizjonali fis-sens illi l-konvenut ha l-pozizzjoni li ha ghaliex huwa kien konvint li t-tifel tieghu kien qed jahdem matul is-Sajf tal-2005. Mill-mod kif iddepona u gab ruhu quddiem it-Tribunal deher car illi n-nuqqas ta` hlas da parti tal-konvenut ma kienx minhabba xi pika jew intransigenza da parti tieghu izda ghaliex huwa genwinament hass illi t-tifel verament kien qed jahdem u inoltre, hass illi l-attrici kienet qeghda tesagera fl-ispejjez u ma kienx sodisfatt bl-ispjegazzjonijiet li kienu qeghdin jinghataw lilu. Hekk fil-fatt, meta waqt il-mori tal-kawza certu ammonti ta` l-

ispejjez gew debitament spjegati lilu huwa mill-ewwel ipproceda biex hallas l-ammont li kien konvint dwarhom izda baqa` jzomm ferm fuq il-punt minnu sollevat li t-tifel kien qed jahdem.

Fl-atti tal-kawza bhala provi fuq dan il-punt, kulma ghandna huma zewg verzjonijiet kontradittorji tal-partijiet u ma gew prodotti l-ebda xhieda estranea biex jikkoroboraw dak li ntqal mir-ragel. Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici ghandha business fl-Ghadira fejn ghandha *leisure park* u t-Tribunal huwa konvint li t-tifel kien iqatta' hin sostanzjali matul is-Sajf f'dan il-lokal u m'huwiex eskluz illi kien anki jmidd idejh u jaghti daqqa t'id. Jekk dan ifissirx li kien qieghed jahdem u huwa ferm dibatibbli ghalkemm m'huwiex eskluz ukoll illi talli t-tifel kien qieghed jghin lil ommu, ommu forsi kienet aktar disponibbli illi taghtih *pocket money* aktar minn tas-soltu u dan bhala kumpens tad-diligenza li kien qed juri maghha l-istess tifel.

B'danakollu, t-Tribunal m'huwiex konvint illi din l-ghajnuna da parti tat-tifel lil ommu l-*pocket money* addizjonali li setghet kienet qeghda thallsu l-omm ta` dan is-servizz jammontax ghal xoghol formali li jintitola lir-ragel li jinvoka d-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 5d tal-kuntratt ta` separazzjoni. Ma jistax jigi njorat il-fatt illi ghas-sena 2006 it-tifel ukoll hadem fl-istess lokal matul is-Sajf izda din id-darba saret id-dokumentazzjoni necessarja skond il-Ligi u mid-dokument esebit mill-istess konvenut jirrizulta li t-tifel kien qed jahdem u l-impjieg tieghu gie debitament registrat ma` l-ETC skond id-dokument SM esebit waqt is-seduta ta` l-10 t'Ottubru, 2006. Kien ikun ferm utli ghall-konvenut kieku huwa ottjena dokumentazzjoni simili ghas-sena precedenti. Il-konvenut isostni illi sabiex it-tifel jahdem huwa gab permess minghand il-*headmaster* tieghu, izda din il-prova ma tirrizultax u anki kieku nghata tali permess ma jfissirx necessarjament li t-tifel ikun attwalment hadem b'mod formali kif trid il-Ligi.

Osservazzjoni ohra li xtaq jaghmel it-Tribunal hija li l-partijiet m'ghandhomx jinsew illi skond il-kuntratt ta` separazzjoni huma zammew l-awtorita` parentali kongunta u certament it-tnejn li huma ghandhom juru bil-

fatti li tali awtorita` ggib maghha certu pizijiet u responsabbilitajiet u fosthom li jaccertaw li t-tifel taghhom jitrabba bl-ahjar mod li jistghu jrabbuh. It-Tribunal ma jsib assolutament xejn hazin mill-fatt illi l-mara talbet li t-tifel taghha biex jaghtiha daqqa t'id fl-intrapriza li kellha l-Mellieha. Certament it-tifel ha gost li jaghmel hekk billi seta` jmur hemm ma` shabu li setghu jiddevertu fil-*leisure park* in kwistjoni. Fl-istess hin il-mara setghet izzomm lit-tifel taht ghajnejha flok thallih jiggerra 'l hawn jew 'l hemm jew joqghod id-dar ma jaghmel xejn. Fl-istess hin it-tifel kien qed jiehu taghlima li xejn ma jigi ghal xejn u li jekk wiehed irid jiehu xi haga jrid jahdem ghaliha u li x-xoghol mhux necessarjament huwa facli u lanqas ma jfisser illi ghax tahdem hafna ser tithallas hafna. Jekk huwa verament hadem u stinka matul is-Sajf, huwa ma rceviex paga izda ha semplici *pocket money* u din setghet isservih bhala taghlima biex tikkonvincih jiddedika ruhu aktar ghall-istudji. Mill-kontijiet esebiti hemm anki kontijiet ghall-privatijiet.

Tali agir da parti ta` l-omm ghandu jigi apprezzat u mfahhar u mhux kastigat u forsi l-partijiet jirrejalizzaw illi l-klawsola 5d inserita fil-kuntratt ta` separazzjoni tista` tkun kontro-produttiva u wiehed jistaqsi "Ghaliex it-tifel ghandu jitlef l-opportunita` li jiehu l-esperjenza li ttih il-hidma bi hlas u dan ghall-konvenjenza tal-missier li jhallas anqas manteniment?" Kien ikun ferm u ferm aktar utli kieku l-konjugi Schembri flok ma ressqu quddiem dan it-Tribunal ippruvaw jiddiskutu b'ras imb' ras u bil-ghaqal is-sitwazzjoni u jaslu f'kompromess.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` parzjalment it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta` mija u zewg liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm102.96c) bl-interessi li jiddekorru mid-data ta` din is-sentenza. L-ispejjez kollha huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------